MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 267/2011

Mario **Micallef**

**Vs**

**Rita Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur li talab li l-konvenuta tkun ikkundannata li tirrilaxxa s-somma ta' tlett elef erba' mija u tmenin (3480) euro, li jinsabu ddepozitati ghand l-Avukat Dr Nadya Vella u l-Avukat Dr Chris Cilia stante li kif patwit, dawn kellhom jigu rilaxxati sabiex jithallas il-Kummissarju tat-Taxxi Interni,

jekk finalment jirrizulta li jkunu hekk dovuti. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. L-inkompetenza tal-Qorti *ratione materiae* stante illi l-attur qed jitlob l-adempiment u l-ezekuzzjoni ta' *obbligazione di fare* u mhux *obbligazione di dare*.

2. L-intempestivita fil-mertu tal-azzjoni attrici billi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi skond klawsola 14(xvi)(E) tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali tal-kontendenti il-partijiet kienu qablu u ftehmu illi kont mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq isem l-attur jithallas ugwalment bejn iz-zewg partijiet wara illi tali kont jigi debitament kontestat skond il-ligi, xi haga illi l-attur naqas milli jaghmel ghaliex huwa naqas milli jezawrixxi l-procedura shiha ta' kontestazzjoni disponibbli skond il-ligi tant li m'ghamel xejn hlief baghat ittra t'oggezzjoni ghall-kont, u meta din giet rifjutata, la kkontestaha u lanqas ma intavola appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Atti Amministrattivi, u ghalhekk ma jistax jippretendi illi jottjeni r-rilaxx ta' dik is-somma flus ekwivalenti ghal nofs l-imsemmi kont illi gie depozitat mill-konvenuta ma' Dr Chris Cilia LL.D. u Dr. Nadya Vella LL.D.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ipprezentati;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet u dik ta' sottomissjonijiet addizzjonali ta' Mario Micallef;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014, fejn din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u *ex officio* ssollevat il-kwistjoni jekk din il-Qorti hix kompetenti *ratione valoris* in vista ta' dak li jippreskrivi l-Artikolu 56A tal-Kapitolu 12 u l-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet fuq din il-kwistjoni sollevata *ex officio* mill-Qorti.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. L-attur u l-konvenuta kienu sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni, f'liema kuntratt il-partijiet ftehmu li kont mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq isem l-attur, u li kien ghadu pendenti fiz-zmien li sar il-kuntratt ta' separazzjoni, kellu jithallas ugwalment bejn iz-zewg partijiet, wara illi tali kont jigi debitament kontestat skond il-ligi.[1] Dan il-kuntratt ta' separazzjoni ma giex ezebit mill-ebda parti fil-proceduri.

2. Ghalhekk, il-kontendenti kienu ftehmu li l-konvenuta tiddepozita s-sehem taghha minn dan il-kont, cioe is-somma ta' tlett elef erba' mija u tmenin Euro (€3480), f'kont kongunt bejn l-avukati difensuri taghhom ta' dak iz-zmien, u cioe, l-Avukat Dottor Nadya Vella u l-Avukat Dottor Chris Cilia.[2]

3. Meta l-attur Mario Micallef ircieva l-kont minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, huwa ghamel oggezzjoni, u dana fil-31 ta' Jannar 2011, pero din l-oggezzjoni giet michuda.[3]

[1] Ara risposta guramentata a fol. 5 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Dottor Chris Cilia a fol. 19 u tal-attur a fol. 21 tal-process.

4. L-attur ma appellax mic-cahda tal-oggezzjoni u fl-4 ta' Marzu 2011, huwa hallas il-kont pendenti, ammonti ghal sitt elef tliet mija u tletin Euro (€6330).[4]

5. Ghalhekk, l-attur dar fuq il-konvenuta sabiex thallas is-sehem taghha tal-kont skont il-ftehim, u dan billi tordna r-rilaxx tas-somma li kienet depozitata ghand l-Avukati Dr Nadya Vella u Dr Chris Cilia, pero il-konvenuta rrifjutat li taghmel dan, ghax skont hi l-attur ma kienx ezawrixxa r-rimedji kollha disponibbli skont il-ligi biex jikkontesta l-kont, partikolarment ma kienx appella mir-rifjut tal-oggezzjoni.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*L-Eccezzjoni sollevata minn din il-Qorti ex officio – Nuqqas ta' Kompetenza ta' din il-Qorti Ratione Valoris*

Fl-ewwel lok, din il-Qorti se titratta l-eccezzjoni sollevata minnha *ex officio* dwar l-inkompetenza *ratione valoris.*

Din il-Qorti *ex officio* ssollevat il-kwistjoni jekk din il-Qorti hix kompetenti *ratione valoris* li tikkunsidra t-talba attrici, in vista ta' dak li jippreskrivu l-Artikolu 56A tal-Kapitolu 12 u l-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 56A tal-Kapitolu 12 jippreskrivi illi *"Minkejja kull disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi l-qrati inferjuri ma għandhom jieħdu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar imwaqqaf taħt l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar."* Imbaghad l-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu

[3] Ara xhieda ta' Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni a fol. 27 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni a fol. 27 tal-process.

380 jghid li: *"Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06): Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba."*

Issa fil-kaz odjern, l-ammont in kwistjoni huwa ta' tlett elef erba' mija u tmenin Euro (€3480) u konsegwentement *prima facie* ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti imma fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Waqt it-trattazzjoni, id-difensur tal-attur issottometta hekk: *"L-attur mhux qed jitlob ir-rifuzjoni ta' dawk il-flus minghand il-konvenuta. Qed nitolbu dikjarazzjoni illi dak li gie miftiehem dak iz-zmien dwar dan il-kont avvera ruhu, allura dawk il-flus ghandhom jigu rilaxxati. Hija materja iktar kumplessa minn semplici money claim ... ... Il-flus m'humiex ghand il-konvenuta jigifieri t-talba hija obbligazjoni di fare u mhux obbligazzjoni di dare."*[5]

Huwa pacifiku li huwa dejjem l-att promotur kif intavolat, l-premessi u t-talbiet, li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura tiddetermina l-kompetenza taghha. Issa fir-rikors promotur, l-attur talab illi l-konvenuta tigi kkundannata *"tirrilaxxa s-somma ta' €3480, tlett elef u erba' mija u tmenin Euro li jinsabu ddepozitati ghand l-Avukat Dr. Nadya Vella u l-Avukat Dr. Chris Cilia stante li kif patwit, dawn kellhom jigi rilaxxati sabiex jithallas il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jekk finalment jirrizulta li jkunu hekk dovuti."*

Ghalkemm f'din it-talba l-attur qed jitlob lill-konvenuta tirrilaxxa l-flus in kwistjoni, in vista tal-fatt li fl-istess talba huwa jghid li l-flus in kwistjoni jinsabu depozitati ghand l-avukati minnu msemmija, huwa ovvju li l-attur ma kellux f'mohhu li jitlob lill-konvenuta tatih il-flus, imma li l-konvenuta tawtorizza lill-avukati jirrilaxxaw il-flus. M'hemmx dubbju li r-rikors gie redatt b'mod mill-aktar lakoniku, pero fl-opinjoni ta' din il-Qorti din hi l-interpetazzjoni gusta li ghandha tinghatha lit-talba fir-rikors promotur.

[5] Ara fol. 43-44 tal-process.

Minn dan isegwi li l-obbligazjoni in kwistjoni mhix *obbligazione di dare* imma *obbligazzjone di fare* u konsegwentement ma taqax fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija kompetenti *ratione valoris* li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici.

*L-Ewwel Eccezzjoni –Nuqqas ta' Kompetenza ta' din il-Qorti Ratione Materiae*

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta. Fl-ewwel lok, il-konvenuta eccepiet l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae,* stante illi – skont hi - l-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex tordna l-adempiment u l-ezekuzzjoni ta' *obbligazione di fare* u mhux *obbligazione di dare*. Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuta li l-obbligazzjoni in kwistjoni hija wahda *di fare*.

L-Artikolu 47 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili jippreskrivi illi:

*"(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*

*(2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.*

*(3) Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni*

*ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba."*

Effettivament, ghal fini tal-kompetenza quddiem din il-Qorti, l-Artikolu 47 ma jiddistingwix bejn obbligazzjonijiet *di fare* u obbligazzjonijiet *di dare.* Fil-fatt, fis-sentenza taghha **Paul Borg et vs. Jane Vassallo** deciza fil-15 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[6] irriteniet illi *"fil-limiti tal-gurisdizzjoni taghhom l-qrati inferjuri huma hielsa li jissindikaw il-validita` jew ksur ta' kuntratt ("**Carmel Axiaq –vs- Luigi Cassar**", Appell, 28*

*ta' Frar 1997)."*

Il-fatt li implicitament fit-talba tieghu, l-attur qed jitlob ukoll dikjarazzjoni li avverat ruhha l-kundizzjoni rilevanti fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti, u cioe li dawn il-flus jirrizultaw dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ma jfissirx li l-kwistjoni tezorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti.

Sabiex din il-Qorti tkun inkompetenti *ratione materiae,* l-eccezzjoni tal-konvenuta trid tinkwadra ruhha taht is-subinciz 3 tal-Artikolu 47. Kjarament, dan mhux il-kaz.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta qieghda tigi michuda.

*<u>Il-Mertu</u>*

Fit-tieni eccezzjoni taghha, il-konvenuta teccepixxi illi din l-azzjoni hija intempestiva stante illi, skont hi, l-attur ma ezawriex ir-rimedji kollha li kellu ghad-disposizzjoni tieghu biex jikkontesta l-pretensjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), u allura dawn il-flus m'ghandhomx jigu rilaxxati.

---

[6] *Per* Imhallef Dott. Philip Sciberras.

Dwar din l-eccezzjoni, hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq x'tip ta' kontestazzjoni l-attur kellu jaghmel – jekk jaghmilx oggezzjoni biss, kif qed jissottometti l-attur, jew inkellha kellux ukoll jappella mir-rifjut tal-oggezzjoni kif qed tissottometti l-konvenuta.

Sfortunatament, il-kuntratt ta' separazzjoni bonarja bejn il-kondententi ma giex ezebit minn hadd mill-partijiet, u allura din il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-klawsola relevanti f'dan il-kuntratt sabiex tara x'gie stipulat specifikament f'dan il-kuntratt dwar it-tip ta' kontestazzjoni kellha ssir. Kif jippreskrivi l-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili, *"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."* Skont l-Artikolu 1003 tal-Kodici Civili huwa biss meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, li din il-Qorti ghandha tati wizen lilll-intenzjoni tal-partijiet.

Fin-nuqqas ta' din il-prova determinanti, din il-Qorti m'ghandhix ghazla ohra hlief tichad it-talba tal-attur fil-meritu, stante li din il-Qorti m'ghandiex provi quddiemha dwar x'kien il-ftehim bejn il-kontendenti, fil-kuntratt ta' separazzjoni bonarja, dwar meta u kif il-konvenuta kellha thallas l-ammont pretiz mill-attur.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara ruhha kompetenti *ratione valoris,* u tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, tichad ukoll it-talba tal-attur.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------